

8. It-tmien motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ddikjarat li t-tranżazzjoni seta' jkollha effett dirett u negattiv fuq il-kompetizzjoni effettiva fis-sitt pajjiżi ta' referenza jew fiż-ŻEE.
9. Id-disa' motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ħadhet id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet li t-tranżazzjoni kienet taċċellera t-tnedija ta' Galleri fiż-ŻEE b'minn tal-inqas ħames snin u ssalva eluf ta' ħajjiet, u li, l-internalizzazzjoni tal-marġni ta' Illumina mal-bejgħ tas-sistemi NGS lil GRAIL setgħet telimina l-marġinalizzazzjoni doppja u twassal għal iffrankar sostanzjali għas-sistemi ta' saħħa tal-Istati Membri u għall-persuni taxxabli billi jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trattament tal-kanċer. Bil-kontra tal-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-effettività tat-tranżazzjoni hija kollha speċifika għal fużjoni, verifikabbli u tista' tibbenefika lill-konsumaturi.
10. L-għaxar motiv ibbażat fuq żball ta' liġi tal-Kummissjoni kif ukoll fuq żball ta' fatt u ta' evalwazzjoni meta ħadhet il-pakkett komplet ta' miżuri ta' rimedji ta' Illumina li kien jinkludi mhux biss l-offerta miftuħa iżda wkoll l-impenji f'dak li jikkonċerna l-ġoti ta' liċenzja, id-derogi u l-impenji ta' nuqqas ta' infurzar li setgħu jiffaċilitaw id-dħul u l-espansjoni upstream tal-kompetituri ta' Illumina.

### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2022 – Nutmark vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-714/22)

(2023/C 24/82)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Nutmark Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: P. Vidal Matos u F. Lança Martins, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba identifikazzjoni żbaljata tas-sistema ta' riferiment, bi ksur tal-Artikolu 4(2) TUE u tal-Artikoli 107(1) u 263 TFUE.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba li ma ntweriex li r-Reġim III taż-Żona Franca da Madeira jikkostitwixxi deroga mis-sistema fiskali ta' riferiment li tintroduċi differenzi bejn operaturi ekonomiċi li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli, bi ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tat-tweqqif tar-rekwiżiti rilevanti għall-eżekuzzjoni korretta tar-Reġim III taż-Żona Franca da Madeira, sa fejn f'dan ir-rigward ir-Repubblika Portugiża adottat kriterji konformi mal-Artikolu 107(1) TFUE.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali stabbilit fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni) <sup>(1)</sup>.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba ksur tad-dritt għall-proprjetà privata stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

<sup>(1)</sup> ĠU 2015, L 248, p. 9.